# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Appell Nru: 362/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Larry Farrugia**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant Larry Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 119988M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-15 ta' Frar, 2014 ghal-habta ta' 23:45hrs gewwa Triq il-Gublew tal-Fidda, Vittoriosa:-

1. Saq vettura ABM 809 minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita' tat-trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex ordnijiet legittimi tal-Pulizija (PS337 M. Mercieca) ossia persuna inkarigata minn servizz pubbliku u pprova jfixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew kellu taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintroni tieghu arma tan-nar bin-numru AH61329 tal-marka Luigi Franchi (hawn aktar 'l isfel maghrufa bhala 'l-arma') u li hija elenkata fis-skeda 2 minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-Armi;
4. Talli fl-istess cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Settembru, 2014, li biha sabet lill-Larry Farrugia **mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni** migjuba kontra tieghu izda **hati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet** migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa fl-ammont komplessiv ta' elf ewro (€1000) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista tithallas permezz ta' rati mensili ta' mitt ewro (€100) bl-ewwel pagament isir fi zmien sebat ijiem, bit-tieni rata tithallas fl-ewwel jum tax-xahar ta' Settembru, 2014 u hekk kull ewwel tax-xahar successiv ininterrottament u fil-kaz li l-hati jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, huwa jitlef il-beneficcju taz-zmien akkordat lilu u l-bilanc kollu jigi dovut minnufih u jekk ma jithallasx immedjatament jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata statutorja pro tempore. L-Qorti ukoll ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-arma tan-nar ossia shotgun tal-Marka Franchi bin-numru tal-matrikola AH61329 kif ukoll tal-cartridge 12 gauge li nstab taht is-seat tal-passiggier fil-karozza misjuqa mill-imputat skond l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Larry Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti (1) Tikkonferma s-sentenza tal-liberazzjoni inkonnessjoni mat-tieni u t-tielet akkuza; (2) Thassar u tirrevoka s-sentenza inkwantu ghall-ewwel u r-raba' akkuza, fejn l-imputat

kien instab hati u gie mmultat is-somma ta' elf Ewro (€ 1000) il-konfiska tal-arma tan-nar Luigi Franchi u sentejn sospensjoni tal-licenzja tal-arma tan-nar fis-sens illi l-akkuzat ghandu jkun lliberat minn dawn l-akkuzi, imputazzjonijiet u piena; u (3) subordinament, minhabba l-fatti specjali tal-kaz, tnaqqas il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell jirrigwarda s-sejbien ta' htija kwantu l-ewwel u r-raba imputazzjoni stante liberazzjoni dwar t-tieni u t-tielet wahda. Dwar l-ewwel imputazzjoni, dik ta' sewqan ta' vettura mhix licenzjata, l-appellant jargumenta illi din hija l-uniku vettura li ghandu u li juza ghax-xoghol tieghu kif ukoll illi dejjem kien regolari fil-hlas tal-licenzja izda f'din l-okkazzjoni l-Awtorita' ma setghetx iggeddidlu l-licenzja peress illi ma setghax jottjeni certifkat tal-VRT kawza ta' xi deficenzi fiha. Jghid ukoll illi minkejja li ma setghax igedded il-licenzja, l-vettura kienet debitament assikurata u kien accertat li jista' jsuqha xorta wahda u li fi kwalunkwe kaz tali nuqqas ta' tigdid jammonta ghall-kontravenzjoni;

2. Il-Qorti semghet ix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta li kkonferma li l-licenzja ta' din il-vettura kienet tghalaq f'Jannar tal-2014 u regghet iggeddet f'Gunju tal-istess sena. Issa, ma huwiex kontestat li l-licenzja tal-vettura ma kienitx imgedda u kwalsiasi raguni li jista' jressaq l-appellant biex jiggustifika l-uzu

taghha cio nonostante ma tista' qatt tkun ta' soljev ghall-kawza tieghu. Il-licenzja tal-vettura kienet skadiet u l-ebda tigbid tar-regoli ma jista' jiggustifika uzu taghha kontra l-ligijiet tal-pajjiz;

3. Kwantu r-raba' imputazzjoni, l-appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni ressqet argument kontradditorju meta akkuzatu sia b'li ma kellux licenzja biex izomm arma tan-nar u fl-istess hin li kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja. Il-fatti in rigward, anke hawn mhux kontestati mill-appellant huma li wara li kien evita road block tal-Pulizija, kien intercettat ftit minuti qabel nofs il-lejl b'senter tal-kacca u skartocc fil-bagoll tal-vettura tieghu. Kif jirrizulta mid-dokument immarkat JC1 a fol 9 tal-atti processwali, dakinhar l-appellant kien kopert b'licenzja "Ghall-garr ta' Arma tan-nar ghall-kacca ta' Ghasafar fuq l-art" kif ukoll "Ghaz-zamma ta' arma tan-nar ghal 'Target Shooting' jew kacca. Ezami ta' dan id-dokument juri li hemm tlett armi tan-nar differenti registrati f'isem l-appellant: wahda biex tinzamm biss ghall-kollezzjoni; ohra ghall-garr/uzu biss ghall-kacca; u ohra, dik intercettata, ukoll ghall-garr/uzu biss ghall-kacca;

4. Issa, l-prosekuzzjoni setghet, kif fil-fatt ghamlet, takkuza lill-appellant b'fatti alternattivi. L-imputazzjoni ta' nuqqas ta' licenzja u dik ta' ksur ta' kondizzjoni taghha ma jfissirx li hemm konflitt fil-fatti izda ghandu jitqies li dawn huma alternattivi tant li l-ewwel Qorti ma sabet l-ebda htija fl-imputazzjoni ta' nuqqas ta' pussess ta' licenzja u lliberatu minnha;

5. L-appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova fil-grad li titlob il-ligi, li huwa kien kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja. In rigward irid jinghad skond il-licenzja tieghu, l-appellant seta' jgorr u juza l-arma tan-nar numru AH61329 ghal-skopijiet ta' kacca. Certament meta kien intercettat b'din l-arma vicin nofs il-lejl, fl-istagun mghaluq tal-kacca, l-appellant kien qieghed jikser il-kundizzjonijiet tal-licenzja. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tal-appellant, jishaq illi l-appellant kien xehed quddiem il-Qorti tal-ewwel grad biex jispjega dwar id-delizzju tieghu ta' *target*

*shooting.* Ezaminati l-atti processwali, izda, dan ma jirrizultax li qatt xehed kompriz minn noti *in pugna proprio* tal-Magistrat decident. L-aggravju dwar dan ir-reat ghalhekk qed ikun michud;

6. Fl-argumenti tieghu, anke dawk verbali, l-abbli difensur tal-appellant jghid illi l-piena ghal-nuqqas ta' tigdid ta' licenzja ta' vettura hija wahda kontravvenzjonali. Issa, l-appellant kien akkuzat li **saq** vettura minghajr ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq. L-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta, jipprovdi ghal dan billi iqis l-istess bhala reat punibbli bil-multa ta' mhux aktar minn €232.94 jew bil-prigunerija ta' mhux aktar minn tlett xhur. L-istess Kapitolu jipprovdi ukoll ghan-nuqqas ta' sid li **jgedded** il-licenzja tal-vettura u dan fit-tieni skeda bil-piena tal-ammenda ta' €69.88 (wahda mill-eccezzjonijiet fejn l-ammenda hi aktar minn dik indikata fil-Kodici Kriminali fil-massimu ta' €58.23 sakemm il-ligi ma tiddisponix mod iehor ex artikolu 13). L-ewwel Qorti ghalhekk kienet korretta meta qieset li l-fatti jirravvizaw ir-reat kontemplat fl-artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65, jigifieri ta' sewqan ta' vettura priva minn licenzja. Fi kliem iehor, jekk sid jonqos milli jhallas il-licenzja ta' vettura jista' jehel il-piena tal-ammenda, is-sewqan taghha imbaghad jaghti lok ghal reat ben divers kif ravvizat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kaptiolu 65;

7. Din il-Qorti ghalhekk hija konvinta li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u konsegwentement it-talba ghat-tahsir tas-sentenza kwantu l-ewwel u r-raba' imputazzjoni ser tkun michuda;

8. L-appellant jappella ukoll b'mod sussidjari, ghall-klemenza ta' din il-Qorti billi tnaqqas il-piena erogata mill-ewwel Qorti u jaghmel referenza ghal-fatti specjali tal-kaz. Fl-ewwel lok, huwa palezi illi din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata fil-kominazzjoni tal-piena hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u meta kellha tinghata piena anqas minn dik erogata. Fil-kaz odjern, il-piena erogata hija wahda fil-parametri tal-ligi, ferm ragjonevoli u ma tezisti ebda cirkostanza

specjali, kif jghid l-appellant, ghal-diminuzzjoni fil-piena b'mod li din il-Qorti tkun konvinta li ghandha tiddisturba id-deskrizzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Din it-talba, ghalhekk ser tkun michuda;

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza konfermata fl-intier taghha. Konsegwentement il-perjodu ta' sentejn (2) sospensjoni ta' licenzji tal-appellant impost mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum. Kwantu ghal-koncessjoni mill-ewwel Qorti ghal-hlas tal-multa f'rati mensili ta' €100, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-ahhar ta' dan ix-xahar u l-kumplament jibqghu jithallsu fl-ahhar jum ta' kull xahar bl-istess kondizzjoni imposta ukoll mill-Qorti tal-ewwel Grad fis-sentenza taghha.